MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Numru. 319/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Eugenio Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Eugenio Camenzuli ta’ 43 sena mwieled Siġġiewi fit-18 ta’ Ottubru 1958 iben Domenico u Vincenza nee Micallef, residenti 6 Blk S Mtarfa Rabat Malta, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 14359M.

Akkużat talli fis-17 ta’ April 2001 u matul il-ġimgħat ta’ qabel din id-data kkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

U aktar talli fis-17 ta’ April 2001 u l-ġimgħat ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess, inkluż l-Ordni ta’ l-Avukat Ġenerali tal-31 ta’ Lulju 2002, iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat bin-numru 143 ta’ 1959, il-fedina penali ta’ l-imputat, il-proces verbal intitolat ‘Sejba ta’ pjanta tal-cannabis fis-Siġġiewi fis-17 ta’ April 2001’ liema process verbal kien redatt mill-Maġistrat Dr. J Padovani Grima a fol 8(e); l-ammissjoni li għamel l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh fil-verbal tat-12 ta’ Ġunju 2006, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha, kif wkoll il-pre-sentencing and inquiry report fuq l-imputat magħmul mill-uffiċjal tal-Probation Carmen Nygaard. Stante din l-ammissjoni magħmula mill-imputat, iż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu huma ppruvati skond il-liġi.

Ikkonsidrat.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni magħmula mill-ispiżjar Mario Mifsud illi kien maħtur fil-mori ta’ l-inkjesta illi dan stabbilixxa illi l-weraq li kien hemm fid-dokument 01AWI301 f’ammont nett totali ta’ 0.020grammi instabu li kienu weraq tal-pjanta tal-cannabis. Skond ir-rapport inkluż fl-inkjesta, din kienet sejba ta’ pjanta waħda tal-cannabis.

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H tal-Kap 9, 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrieh, bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda ai termini ta’ l-artikolu 17H.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra żewġ elementi. Illi hawn si tratta ta’ pjanta waħda, kif wkoll illi l-uffiċjal tal-Probation wiżen il-fatti kollha u qalet illi l-imputat dejjem kellu impieg stabbli, kien rispettat u fdat fuq il-post tax-

xogħol u kif wkoll li huwa temm b'suċċess program ta' rijabilitazzjoni kontra l-abbuż tad-droga. Ma dak li qed jingħad fir-rapport, il-Qorti qed tqabbel dak li jingħad minn SM 45 Marisa Bartolo fix-xhieda tagħha tat-12 ta' Ġunju 2006 a fol 68 illi effettivament kienet rat lill-imputat jaqla' xi pjanti żgħar u jitfagħhom minn fuq għal isfel. Dawn ġew mgħoddija lill-ispettur biex ssir iktar investigazzjoni.

Il-Qorti qed tqis wkoll li prattikament l-imputat għamel l-ammissjoni fl-ewwel dehra tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2006.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-minimu stabbilit mil-liġi li huwa sitt xhur ħabs u mitejn lira multa 465.87 Euro. Il-multa għandha titħallas b'rati ta' 93.17 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament jsir mhux iktar tard minn erba' ġimgħat millum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ jkun dovut f'daqqa u jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbiel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euro mhux imħallsa.

Ai terminu ta' l-Artikolu 533, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat jħallas l-ispejjeż ta' l-esperti għaliex dawn saru fl-inkjesta u l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------